MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-16 ta' Frar, 2005

Rikors Numru. 77/2004/1

**Rikors Nru: 77/2004**

**Joseph Muscat Manduca u Miriam Cremona, f' ismiha propju u in rappresentanza ta' ohtha Marlene Hills assenti minn dawn il- gzejjer.**

**-vs-**

**Vella Thomas**

Il- Bord,

Ra r- rikors ta' Joseph Muscat Manduca et fejn jesponi b' rispett:

Illi l- esponenti jikru lill- intimati il- fond numru 27, Triq il- Lampuki, Paola versu l- kera ta' sitta u disghin lira Maltija (Lm 96) fis- sena u l- kera tithallas fil- bidu ta' kull xhar.

Illi l- intimat huwa moruz fil- hlas ta’ kera ghal- aktar minn zewg skadenzi;

Illi in oltre l- intimat ma ghadux jaghmel uzu mill- fond u ghalhekk gie li biddel id- destinazzjoni tal- fond;

Illi ghaldaqstant, l- esponenti jitolbu bir- rispett lill dan l- Onorabbli Bord sabiex jawtorizzahom jirriprendu l- pussess tal- fond u jordna lil- intimat sabiex jizgombra mill- fond f’ terminu qasir u perentorju li jistabilixxi l- Bord.

Sema x- xhieda bil- gurament.

Ra l- atti u d- dokumenti kollha.

Ra li ma deher hadd biex jikkontesta t- talba la fid- 9 ta’ Dicembru 2004 u lanqas fis- 16 ta’ Jannar 2005 (fl- ewwel verbal dak tad- 9 ta’ Dicembru 2004 hemm zball, billi r- rikors qatt ma gie kkontestat) kif lanqas giet imressqa risposta.

Ra l- artikolu 30 tal- Kapitolu 69 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Jilqa’ t- talba u jawtorizza lir- rikorrenti jergghu jiehdu f’ idejhom il- fond numru 27, Triq il- Lampuki, Rahal Gdid. Ghall- ghan ta’ tkeccija jaghti xahar zmien m’ llum; l- ispejjez jithallsu mill- intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------